MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 33/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Mario u Mary Rose sive Mariosa mizzewwgin Farrugia**

Permezz tar-rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Jannar 2012 il-bank talab il-hlas ta' mija u tmienja u tmenin elf erbgha mija u tlieta u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€188,453.78) bilanc ghad-debitu fil-Loan Account tal-konvenuti. Il-bank qieghed jitlob ukoll dikjarazzjoni li sehhet wahda mill-grajjiet li tissemma fil-kuntratti tal-4 ta' April 2003 pubblikat min-nutar Dr Isabelle

Gonzi, u 12 ta' Dicembru 2006 pubblikat min-nutar Dottor Jonathan Zammit, fosthom li naqsu milli jhallsu l-pagamenti kif miftiehem, kienu inadempjenti fl-obbligi li assumew u kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-konjugi Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' ta' hlas.

Mill-atti jirrizulta li hadd mill-konvenuti ma pprezenta twegiba guramentata. Fis-seduta tal-lum deheru l-konvenuti u kkonfermaw li huma debituri tal-bank fis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€125,646.54)[1]. M'hemmx dubju li mid-dokumenti fl-atti jirrizulta li l-atturi ma baqghux ihallsu l-pagamenti fix-xahar. Din hi wahda mic-cirkostanzi li skond il-kuntratti jintitola lill-bank li jitlob il-hlas tal-bilanc li jkun ghadu dovut u b'hekk iwassal biex id-debitur jitlef il-beneficcju taz-zmien.

**Ghal dawn ir-ragunijeit l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-Bank of Valletta plc u tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh solidalment is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€125,646.54), bl-imghax kif mitlub. Spejjez a karigu tal-konvenuti b'dan li jekk ghal finijiet ta' taxxa ir-Registratur ser jaghmel il-kalkoli tieghu fuq is-somma originarjament mitluba mill-bank[2] allura ghandu jaghmel tajjeb ghal 33% tal-ispejjez**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Permezz ta' nota prezentata fl-14 ta' Gunju 2012 il-bank irreveda s-somma li qieghed jippretendi l-hlas taghha ghas-somma ta' €125,646.54, dan wara li rrizulta li l-hlasijiet li kienu qeghdin jaghmlu l-konjugi Farrugia kienu, sa Gunju 2007, qeghdin jidhru bhala debit minflok bhala credit.

[2] €188,453.78.